# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

### Seduta ta' nhar it-Tlieta 22 ta' Mejju, 2001

**Numru: 26**

**Citaz. Numru: 491/01/RCP**

**Paolo Bonnici Limited**

**vs**

**(1) Pirella Supermarket Limited, u**

**(2) Joseph Portelli, solidalment**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici premettiet:

Illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' sitta u tletin elf, erba' mija u disgha u tletin lira maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (LM36439.21,0) prezz ta' merkanzija varja lilhom mibjugha u kkonsenjata, fil-Pirella Supermarket, Triq il-Mina, Zabbar.

Illi l-ammont hu likwidu, cert u dovut u, fil-fehma tas-socjeta' attrici, l-konvenuti m'ghandhom l-ebda eccezzjoni x'jaghtu biex jikkontestaw it-talba ghall-hlas.

Illi l-konvenut Joseph Portelli baqa' inadempjenti nonostante interpellazzjoni ufficjali tas-16 ta' Marzu 2001.

L-istess socjeta` attrici talbet ghalhekk li l-konvenuti jghidu ghaliex dina l-Qorti, in vista tal-premess, m'ghandhiex tikkundannahom solidalment hallsu lis-socjeta' attrici s-somma fuq imsemmija ta' sitta u tletin elf, erba' mija u disgha u tletin lira maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (LM36439.21,0) prezz ta' merkanzija varja lilhom mibjugha u kkonsenjata kif fuq intqal, u dana bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza fit-termini tal-Artikolu 167 et seq tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap 12 in vista tal-Affidavit tas-socjeta' attrici Dok 'A' anness.

BI-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Marzu 2001 u bl-imghaxijiet legali mill-istess interpellazzjoni ufficjali.

BI-ispejjez tal-mandati kawtelatorji ta' Qbid u Sekwestru pprezentati kontestwalment u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit ta' Kevin Magri ghan-nom tas-socjeta` attrici u d-dokumenti l-ohra.

Rat li s-socjeta` konvenuta u l-konvenut debitament notifikati fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghu kontumaci u msejjah tlett darbiet lanqas ma dehru.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici** kif dedotta fic-citazzjoni, b'dan illi:

1. tikkundanna lill-konvenuti solidalment ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma fuq imsemmija ta' sitta u tletin elf, erba' mija u disgha u tletin lira maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (LM36439.21,0)

prezz ta' merkanzija varja lilhom mibjugha u kkonsenjata kif fuq intqal.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Marzu 2001 u bl-imghaxijiet legali mill-istess interpellazzjoni ufficjali.

Bl-ispejjez tal-mandati kawtelatorji ta' Qbid u Sekwestru pprezentati kontestwalment ma din ic-citazzjoni.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**22 ta' Mejju, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**22 ta' Mejju, 2001**